

# News Releases

Home » Ix-Xogħol Irreġistrat: Diċembru tal-2022



## Ix-Xogħol Irreġistrat: Diċembru tal-2022

NR083/2023 Data tal-Ħruġ: 12 ta' Mejju 2023

*F'Diċembru tal-2022, l-impjiegi full-time żdiedu bi 8.4 fil-mija, filwaqt li dawk part-time bħala x-xogħol ewlieni tal-persuna żdiedu bi 3.3 fil-mija meta mqabblin ma' Diċembru ta' sena qabel.*



Tagħrif amministrattiv mogħti minn Jobsplus juri li, fi żmien sena, il-provvista tal-ħaddiema (esklużi l-part-timers) żdiedet bi 8.3 fil-mija sabiex laħqet 263,807 (ara nota nru 5 fil-metodoloġija). Dan kien ġej l-aktar minn żjieda, sena għal sena, fl-impjiegi rreġistrati full-time (20,256) u tnaqqis fil-qgħad irreġistrat (121) (Tabella nru 1).

**Ix-Xogħol Full-Time Irreġistrat**

F'Diċembru tal-2022, l-Attività jiet ta' servizz amministrattiv u ta' sostenn (NACE 77-82, 4,751) u l-Attivitajiet ta' servizz tal-akkomodazzjoni u tal-ikel (NACE 55-56, 3,342) kienu l-aktar żewġ oqsma li wasslu għaż-żjieda fix-xogħol, meta mqabbel ma' Diċembru 2021 (Tabella nru 1). Ix-xogħol full-time irreġistrat fis-settur privat tela' b'20,705 persuni għal 211,724. L-impjiegi fis-settur pubbliku naqsu b'449 għal 51,037 (Tabella nru 2).

L-għadd ta' nies irreġistrati li jaħdmu għal rashom full-time tela' b'597 meta mqabbel ma' Diċembru 2021, mentri l-għadd ta' persuni rreġistrati bħala impjegati żdiedu b'19,659. L-irġiel li jaħdmu full-time żdiedu bi 8.9 fil-mija, filwaqt li n-nisa żdiedu b'7.5 fil-mija, fuq is-sena ta' qabel (Tabella nru 2).

**Ix-Xogħol Part-Time Irreġistrat**

F'Diċembru tal-2022, l-impjiegi rreġistrati bħala part-time żdiedu b'6.5 fil-mija meta mqabbla mal-istess xahar tal-2021. L-oqsma li l-aktar wasslu għal din iż-żjieda kienu l-Attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi (NACE 69-75, 882) u s-settur tat-Trasport u l-ħażna (NACE 49-53, 715) (Tabella nru 3).

L-għadd ta' nies li kellhom kemm impjieg part-time kif ukoll ieħor full-time laħqu it-38,700, żjieda ta' 9.5 fil-mija meta mqabbel mal-istess xahar fl-2021. Il-persuni li kellhom biss impjieg part-time kienu jammontaw għal 33,349, żjieda ta' 3.3 fil-mija meta mqabbla mal-istess xahar fl-2021 (Tabella nru 4).

### Ċart 1. L-Impjiegi full-time u part-time (impjieg primarju) bix-xahar

